# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 t'April tas-sena 2001.**

**Numru 41**

**Avviz numru 422/99/SM**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Formosa & Camilleri Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-18 ta' Marzu ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u erbgha u tletin Lira Maltin u sitta ghoxrin centezmu (LM834.26,0), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku Point to Point bin-numru 1517 (skond kif jirrizulta mill-istatement anness Dok. A) liema servizz gie stallat fil-fond 48-50, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex, sal-fond Muscat Motors Limited, National Road, Blata l-Bajda, u dan skond kif jidher mill-anness "service agreement" Dok. B;**

2. **Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 4 ta' Novembru, 1997 u bit-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-21 t'April ta' l-1999, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi s-socjeta' konvenuta llum biddlet isimha u saret mgharufa bhala Atlas Insurance Agency Limited u ghalhekk is-socejta' attrici ghandha titlob il-korrezzjoni f'dan is-sens;**

2. **Fil-mertu illi s-somma mitluba m'hiex dovuta fl-interezza taghha u cioe' ma hemm xejn dovut stante li kif kien gie miftiehem bejn il-kontendenti s-servizz tat-telephone ma kien qatt ikkomunikat u qatt ma intuza mis-socjeta' konvenuta u ghalhekk ma hemm l-ebda somma dovuta;**

3. **Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti kollha esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi preliminarjament din il-qorti qed tindirizza l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta:**

1. **Illi din is-socjeta' lealment, mill-ewwel opportunita' li kellha gibdet l-attenzjoni tas-socjeta' attrici illi bhala personalita' guridika ma kienitx tezisti aktar stante li gie maghrufa bhala "Atlas Insurance Agency Limited";**

2. **Illi di piu, l-istess socjeta' konvenuta tat ukoll is-soluzzjoni legali li s-socjeta' attrici kellha tipperkorri biex tkun tista' tipprocedi skond il-ligi fil-konfront taghha;**

**3. Illi nonostante dan, is-socjeta' attrici, tenut kont ukoll ta' l-ammenda ta' l-1995 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, (artikolu 175 (1)), li tippermetti kwalsiasi sostituzzjoni ta' xi att jew tibdil fl-iskritturi li permezz taghhom, fost affarijiet ohra jista' jitnehha l-isem ta' wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku;**

**4. Illi in vista ta' l-ewwel eccezzjoni jirrizulta li s-socjeta' konvenuta m'ghadiex ezistenti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta li din il-qorti, anke wara li kienet iddiferiet il-kawza ghas-sentenza, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u f'zewg okkazzjonijiet separati tat l-opportunita' lis-socjeta' attrici tinkwadra sewwa l-procedura istitwita minnha;**

**Illi effettivament din is-socjeta' attrici baqghet ma ghamlet xejn u strahet fuq l-atti kif originarjament prodotti minnha;**

**Illi fil-mertu jirrizulta mid-dokumentazzjoni esebita illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta huwa dovut;**

**Ghaldaqstant, tilqa' t-talba u tiddikjara li s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tmin mija u erba' u tletin Lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu, (LM834.26,0) kif mitluba, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**